MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-9 ta' Frar, 2011

Avviz Numru. 124/2007

**John Pullicino ID 538759(M)**
**u Golden Harvest Mfg Co Ltd (C176)**

**Vs**

**Emanuel Portelli**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih l-attur u s-socjeta' attrici talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandhux ikun kkundannat jhallashom l-ammont ta' erbat elef hames mija sebgha u hamsin liri Maltin (Lm4,557.00) bilanc ta' ammont akbar dovut lilhom bhala prezz ta' merkanzija lilu kkonsenjata u mibjugha.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura, kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali datata 9 ta' Marzu 2005 (rif 2131/05) u dik tal-15

ta' Mejju 2006, (rif. 2932/06) u bl-interessi legali mid-data ta' l-ewwel ittra msemmija sad-data tal-pagament effettiv kotnra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut (fol 13 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament, it-talbiet attrici huma preskritti a tenur ta' l-Artikolu 2148(a) u (b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, in-nuqqas ta' relazzjoni guridika fil-konfront ta' l-attur John Pullicino;
3. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;
4. Illi in kwantu ghall-ispejjez ta' l-Ittra Ufficjali Nru 2932/06, dawn m'ghandhomx jigu sopportati mill-eccipjenti, u dan stante li l-istess ittra ufficjali maghmula a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta hija nulla u bla ebda effett fil-Ligi, u dan stante li ma tirrispekkjax il-forma dettata mill-istess Artikolu 166A.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-konvenut a fol 15 ibid u li biha spjega, f'aktar dettal it-tielet (3) eccezzjoni sottomessa minnu (ara ukoll fol 13 ibid).

Rat in-nota tal-attur et a fol 21 ibid u li biha rriducew it-talba taghhom ghall-ammont ta' Lm3259.87 (ara ukoll fol 20 ibid).

Rat l-atti kollha tal-kawza b'mod specjali s-sentenza preliminari moghtija fis-16 ta' Novembru 2009 (fol 38 et seq ibid) u li biha gew decizi l-ewwel (1) u t-tieni (2) eccezzjoni.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-meritu.

Ikkunsidrat

Illi kif jidher mis-sentenza citata waqt li giet michuda l-ewwel (1) eccezzjoni gie deciz illi din il-kawza kellha titkompla biss, mis-socjeta’ attrici stante li kien jidher li, l-attur ma kelhux ‘locus standi’ f’ismu propjru f’din il-kawza.

Ikkunsidrat

Illi in rigward il-mertu, irrisulta li :-

a) L-ammont mitlub u in esami kien gie ridott ghal Lm359.87.

b) Fl-eccezzjonijiet fuq il-meritu, b’mod specifiku t-tielet (3) wahda, l-konvenut spjega, permezz tan-nota a fol 15 ibid li hu ma kienx debitur versu ‘l-atturi’ u li ‘… mhux debitur taghhom. In rigward dan John Pullicino (fol 22 u fol 44 et seq ibid) spjega li l-konvenut ma kienx jhallas fi flus kontanti izda permezz ta’ ‘cheques’ li, pero, kienu gew ‘referred to drawer’. Inoltre hu esebixxa diversi kotba (fol 25 ibid) kontenenti il-fatturi kollha relattivi ghall-istess konvenut w il-konsenji li saru lil-dan fil-postijiet msemmija fl-istess xhieda. Dwar l-ammont dovut, ix-xhud spjega, ukoll, li l-konvenut f’okkazjoni kien offra lix-xhud ‘freezer’ tat-tigieg li kien gie accettat bhala tpacija sal-ammont ta’ Lm2000 kif spjegat fl-istess xhieda. Inoltre hu spjega ukoll kif il-konvenut kien hareg favor il-kreditur diversi ‘slips’ ossija ‘paying in slips’ li pero ukoll ma issarrfux (ara fol 30 ibid) skond kif spjegat ukoll fl-istess xhieda. In kontro ezami l-istess xhud spjega li l-valur tal-imsemmi ‘freezer’ kien gie mnaqqas mill-ammont ghadu dovut. Inoltre meta hu kien gie moghti l-imsemmija’ cheques’, l-import ta’ dawn kien gie mnaqqas ukoll izda kien rega’ zdied mal-istess ammont wara li dawn ma kienux gew onorati.

Ikkunsidrat

Illi, fid-dawl ta’ dak premess, jdiher car li l-ammont kif ridott, hu dovut lis-socjeta’ attrici minghajr ma hemm xi dubbju dwar dan. Jigi rilevat dwar dan, li l-konvenut ma gab l-ebda prova in sostenn tat-tezi tieghu u li l-ebda ammont ma hu dovut minnu.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa 'in parte' it-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas s-socjeta' attrici s-somma kif ridotta, ta' Lm3259.87 ossija €7593.45 bl-imghax legali mid-9 ta' Marzu 2005 sad-data tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri ufficjali bid-dati tad-9 ta' Marzu 2005 u tal-15 ta' Mejju 2006 msemmijin fir-rikors promotur, dawn jithallsu mill-istess konvenut, kollha kemm huma.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------